QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**Magistrat Dottor Paul Coppini LL.D.**

**Kawza numru: 45/2016PC**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Florian Jacques Platon Patsouris**
ta' 29 sena iben Gorge u Veronique nee' Mouton imwieled Marseille fi 21 ta' Jannar 1987. Residenti fi Michelet Delattre, 5 BD Marechal Koenig Marseille Franza u f'Malta ġewwa l-Grandhotel Triq Santantnin f'Għajnsielem Għawdex Detentur tal-karta tal-identita' francisa bin-numru 091013311607 mobile 0624620869.

**U**

**Marion Marie-Josee' Yvette Battista**
ta' 25 sena bint Jean Marc Battista u Frederique nee' Chevelier imwielda Marseille fi 1 ta' Jannar 1991. Residenti fi Le Galatea Barment A 65 Avenue De Bonneveine Marseille Franza u f'Malta ġewwa l-Grandhotel Triq Santantnin f'Għajnsielem Għawdex Detentrici tal-karta tal-identita' francisa bin-numru 080713304994 mobile 0629665607

**Illum It-Tlieta, 2 ta' Awwissu 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza miġjuba kontra l-imputati, li permezz tagħha ġew akkuzati talli fil 31 ta' Lulju 2016, f'Ta' Dirjanu, Triq l-Imgarr, f'Għajnsielem Għawdex :-

Ikkommettew serq ta' oġġetti għad-dannu ta' Joseph Agius u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-lok liema oġġetti il-valur tagħhom

jammonta ghal mhux aktar minn 232.94 Euro.  U dan bi ksur tal-artikoli 261 (e), u 269 (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena;

Semgħet lill-imputati jammettu l-akkuża miġjuba kontra tagħhom u dana wara li l-Qorti wissiethom sabiex jerġghu jikkunsidraw din l-ammissjoni.

Il-Qorti ghalhekk invista ta' din l-ammissjoni issib lill-imputati ħatja u wara li rat l-Artikoli 261 subinciz (e) u 269 subinciz (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannahom għal piena kalceralja ta' sena (1) sospiza għall-sentejn (2) u dana wara li Qorti spegjatilhom it-tifsira ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna illi l-ammont ta' mija u erbgħa u tmenin ewro (€184.00) illi jinstabu mill-Pulizija fil-pussess tal-imputati għandu jingħata bhala kumpens lill-derubat u dana il-flus qegħdin jingħataw f'seduta stante.

Il-Qorti tordna wkoll ir-ritorn tal-karti tal-identita' tal-imputati li qegħdin jinghataw f'seduta stante lill-imputati u dana wara li l-Prosekuzzjoni ezebiet kopji fotostatici tal-istess karta tal-identita'.

Dr. Paul Coppini
Maġistrat